**Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar**
**St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary**

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2015

| IT-TIELET SENA | STUDJI SOĊJALI *OPTION* | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem ______________________________ Klassi ______________

1. **Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.**
2. **Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**
3. **Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 25 | 25 | 20 | 20 | 100 |
| | | | | | |

**TAQSIMA A** **(10 marki)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. **Persuna unika** tfisser
   a. persuna li taf tagħmel kollox.
   b. persuna differenti mill-oħrajn.
   c. persuna li tħobb toqgħod waħedha.

2. Il-bnedmin huma ħlejqa soċjali. Dan ifisser li
   a. ħadd ma jista' jgħix waħdu.
   b. il-bnedmin huma kollha kattoliċi.
   c. il-bnedmin iħobbu jsiefru.

3. Aħna lkoll membri fil-komunità, għalhekk għandna
   a. il-kapriċċi.
   b. l-irwoli.
   c. id-dmirijiet biss.

4. Interazzjoni soċjali tfisser li jien
   a. persuna mlaħħqa.
   b. inħobb nistudja.
   c. kapaċi nikkomunika ma' nies oħrajn.

5. Li nkun indipendenti jfisser
   a. li niddependi fuq l-oħrajn.
   b. li kapaċi nieħu ħsieb tiegħi nnifsi.
   c. li m'għandi bżonn lil ħadd biex ngħix.

6. Biex persuna titgħallem x'inhu mistenni minnha fis-soċjetà, huwa importanti
   a. li tkun parti mill-proċess ta' soċjalizzazzjoni.
   b. li tkun intelliġenti biex titgħallem.
   c. li tagħmel dak li jfettlilha.

7. Istituzzjoni hija
   a. grupp ta' nies informali.
   b. organizzazzjoni formali b'sett ta' regoli.
   c. numru ta' nies li jingħaqdu flimkien waqt festa.

8. Il-vot huwa
   a. dritt.
   b. dmir.
   c. kemm dritt kif ukoll dmir.

9. Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem hija parti
   a. mill-Unjoni Ewropeja.
   b. mill-Unjoni Sovjetika.
   c. mill-Ġnus Magħquda.

10. Kontroll personali huwa
   a. kontroll li jagħmlu l-oħrajn fuqi.
   b. kontroll li nagħmel jiena fuqi stess.
   c. kontroll li tagħmel is-soċjetà biex tipproteġi liċ-ċittadini.

**TAQSIMA B** **(25 marka)**

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Is-soċjalizzazzjoni huwa proċess mill-aktar importanti biex il-bniedem jiġi assimiljat u aċċettat f'soċjetà. Dan għaliex waqt dan il-proċess nitgħallmu dwar dak kollu li huwa importanti għalina biex inkunu kapaċi ngħixu f'soċjetà, fosthom in-normi u l-valuri. L-aġenti li niġu esposti għalihom matul ħajjitna, huma dawk li l-aktar jinfluwenzaw u jiffurmaw il-karattru tagħna. Għalhekk, l-imġieba tagħna tiddependi ħafna fuq dawk li niltaqgħu l-aktar magħhom fosthom il-familja, il-ħbieb u l-mezzi tax-xandir fost oħrajn.**

1. Għaliex ngħidu li s-soċjalizzazzjoni hija proċess

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

2. (a) Kemm hem tipi ta' soċjalizzazzjoni? (b) Liema huma?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

3. (a) X'inhuma aġenti?

_______________________________________________ *(marka)*

(b) Agħti **żewġ** eżempji.

i. _______________________________________________ *(marka)*

ii. _______________________________________________ *(marka)*

4. X'nitgħallmu waqt il-proċess ta' soċjalizzazzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

5. (a) X'inhuma '**normi**'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) Agħti **żewġ** eżempji.

i. ______________________________________________________ *(marka)*

ii. ______________________________________________________ *(marka)*

6. Spjega xi tfisser '**persuna devjanti**'.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

7. (a) Aħna nitgħallmu permezz tas-sanzjonijiet. X'inhuma '**sanzjonijiet**'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) Agħti **żewġ** eżempji.

i. ______________________________________________________ *(marka)*

ii. ______________________________________________________ *(marka)*

8. Xi wħud jirrikorru għall-kriminalità. Spjega billi tagħti **tlett** raġunijiet għala jiġri dan.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ *(6 marki)*

**TAQSIMA C** **(25 marka)**

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**Fis-sena 1948, ġiet fis-seħħ id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din għenet biex tkun bħala gwida li ċ-ċittadini tad-dinja kollha suppost igawdu minnhom. Illum il-ġurnata, ħafna huma dawk li jaraw li d-drittijiet tagħhom qed jiġu rrispettati, però hemm it-tendenza li ninsew li kull dritt iġib miegħu dmir mhux biss ta' pajjiżna, iżda wkoll bħala ċittadini globali.**

1. Meta ġiet fis-seħħ id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem?

______________________________________________ *(marka)*

2. Għaliex insejħulha '**Universali**'?

______________________________________________ *(marka)*

3. Din għenet biex tkun bħala gwida li ċ-ċittadini tad-dinja kollha **suppost** igawdu minnhom. Taħseb li din id-Dikjarazzjoni qed tiġi rrispetata madwar id-dinja kollha? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

4. Spjega min hu '**ċ-ċittadin**'.

______________________________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

5. Int ċittadin ta' fejn? Spjega.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(6 marki)*

6. Spjega kif in-normi huwa mezz ta' għaqda soċjali.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

7. Bħala ċittadini għandna wkoll id-dmirijiet. Semmi **erba'** dmirijiet li aħna għandna bħala ċittadini Maltin.

(a) ___________________________________________________________ *(marka)*

(b) ___________________________________________________________ *(marka)*

(c) ___________________________________________________________ *(marka)*

(d) ___________________________________________________________ *(marka)*

8. (a) Min huma ċ-ċttadini globali?

______________________________________________________________ *(marka)*

(b) Semmi **żewġ** responsabbiltajiet li għandu ċ-ċittadin globali.

i. ___________________________________________________________ *(marka)*

ii. ___________________________________________________________ *(marka)*

9. (a) Xi tfisser meta ngħidu li ċittadin tajjeb ikollu l-valuri ċiviċi?

______________________________________________________________ *(marka)*

(b) Agħti **tlett** eżempji ta' valuri ċiviċi.

i. ______________________________ *(marka)*

ii. ______________________________ *(marka)*

iii. ______________________________ *(marka)*

**TAQSIMA D** **(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fid-dettal.**

1. Spjega x'inhi '**soċjeta' ċivili**'.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

2. Kif in-nuqqas ta' qbil jista' jkun ta' benefiċċju għas-soċjeta'?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

3. X'inhi d-differenza bejn '**gvern lokali**' u '**gvern nazzjonali**'?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ *(4 marki)*

4. X'nifhmu meta ngħidu '**deċentralizzazzjoni tal-poter**'?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(4 marki)*

5. (a) Spjega x'inhu kunsill lokali.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

(b) X'funzjonijiet għandu fis-soċjeta'?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA E** **(20 marka)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u fuq karta separata ikteb f'madwar 200-230 kelma dwarha.**

1. L-ebda bniedem mhu gżira. Spjega

JEW

2. Li tkun ċittadin Ieali titlob diversi responsabbiltajiet. Spjega xi tfisser tkun ċittadin b'referenza għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

JEW

3. Is-soċjalizzazzjoni hija proċess li fih membri ġodda jitgħallmu dak li huwa aċċettat jew mhux aċċettat f'soċjetà. Spjega x'inhu dan il-proċess u għala huwa tant importanti.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**